

Brussell, 4 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

15930/25

ATO 83  
CONOP 84

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) - Adozzjoni

---

1. L-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) ġiet stabbilita skont il-Ftehim tad-9 ta' Marzu 1995 bejn il-Gvernijiet tar-Repubblika tal-Korea, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerka. Fid-19 ta' Settembru 1997, l-Unjoni Ewropea (UE) issieħbet, permezz tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), u baqgħet parti kontraenti f'disa' Ftehimiet suċċessivi.
2. Id-disa' Ftehim bejn l-Euratom u l-KEDO skada fil-31 ta' Mejju 2024, u huwa fl-interess tal-Unjoni li tikkonkludi l-għaxar Ftehim, b'effett retroattiv mill-1 ta' Ġunju 2024. L-għaxar Ftehim għandu jkollu durata ta' sena, b'tiġdid awtomatiku annwali sal-31 ta' Mejju 2027. Ma għandu jkun hemm l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-Euratom lill-baġit tal-KEDO skont dan il-Ftehim.
3. Fl-10 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Rakkomandazzjoni għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni tal-għaxar Ftehim bejn l-Euratom u l-KEDO, abbażi tal-Artikolu 101, it-tieni paragrafu, tat-Trattat Euratom.

4. Ir-Rakkomandazzjoni ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi fit-13 ta' Novembru 2025. Tnediet konsultazzjoni informali bil-miktub fl-14 ta' Novembru u ntemmet fil-21 ta' Novembru (id-dokument 15788/25<sup>1</sup> + ADD 1). Ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni mid-delegazzjonijiet. Fl-1 ta' Diċembru l-Presidenza infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi bl-eżitu tal-konsultazzjoni.
5. Bid-Deċiżjoni tiegħu, il-Kunsill ser japprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-għaxar Ftehim bejn l-Euratom u l-KEDO b'effett retroattiv mill-1 ta' Ġunju 2024.
6. Il-Coreper għalhekk jista' jstieden lill-Kunsill:
  - jadotta t-test kif jinsab fid-dokument 15788/25 + ADD 1 bħala punt "A".

---

---

<sup>1</sup> Id-dokument 15788/25, li bħalissa qed jiġi rivedut mill-ġuristi lingwisti, ser ikun disponibbli għad-delegazzjonijiet qabel il-laqgħa tal-Coreper tal-10 ta' Diċembru 2025